# IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

ĠUNJU 1952

# SURSUM CORDA

*JIĠU waqtiet illi l-bniedem tul ħajtu ma jibqax b'dik il-ħrara u b'dik il-ħeġġa li kienu jixegħlu f'qalbu għal dik il-ħaġa li għaliha jkun ħela l-ħsieb ta' moħħu u ħolom lejl u nhar biex jiksibha—illi dak il-ħolm hekk sabiħ, li kien ħolom bih biex jitgħaxxaq u jitħenna għal ma' tul ħajtu wara li dil-ħaġa jkun kisibha, mhux l-ewwel darba li jkun safa' fix-xein. Dana kollu ġara u jista' jiġri, u l-każun ta' din il-bruda ġej minn diversi ċirkustanzi.*

*Il-qalb tal-bniedem maż-żmien tista' tibred jew meta dil-ħaġa tkun xebgħet minnha, jew meta l-bniedem ikun sab xi xkiel biex jissokta jaħdem għaliha u jitħenna biha, jew għaliex il-qalb tħossha għajjiena bil-għeja tax-xjuħija tal-ġisem u tal-moħħ. Dan li ġara bosta drabi fi ħwejjeġ bħalma huma intrapriżi, studji ta' xjenzi, koltivazzjoni ta' xi arti u ta' xi mogħdijiet ta' żmien, ġara wkoll bosta drabi fi studji ta' xi lingwi.*

*Sa fejn naf jien, iżda, dan qajla jista' jiġri fl-istudju u kol-tivazzjoni ta'* lingwa nazzjonali *meta dan l-istudju u din il-kol-tivazzjoni jkunu mwaqqfin fuq sistemi u organizzazzjoni sodi mwettqin minn dixxiplina amministrativa u edukativa.*

*Ġie li koltivazzjoni ta' lingwa artifiċjali bħalma kien il-Volapuk li nħoloq minn J. M. Schleyer fl-1870 għall-kummerċ u ta' l-Esperanto li nħoloq minn Dr. Zamenhoff madwar l-1900, bħala lingwa universali, kienet għal xi żmien birdet għal kollox u baqgħet il-"hobby" ta' xi ftit nies biss; iżda mhux hekk ġara fil-koltivazzjoni ta' lingwa nazzjonali li maż-żmien flok ma bir-det u mietet baqgħet dejjem tikber fost il-kittieba tal-pajjiż. Il-Malti (u meta ngħid il-Malti għandi nifhem l-istudju u l-kolti-vazzjoni tiegħu) għalkemm lingwa nazzjonali ġie li għax il-ħaj-ja effimera tal-Volapuk u ta' l-Esperanto u qatt ma sata' jieħu r-ruħ u jissaħħaħ. Dawk kienu ċirkustanzi edukativi u politiċi li, minn żmien De Soldanis (1750) sakemm twaqqfet is-sistema tal-*Għaqda *u daħlet fl-amministrazzjoni tal-Gvern u fl-Iskejjel (1934), kienu fixklu l-koltivazzjoni soda tal-Malti għal bosta snin—jiġifieri għal żmien sħiħ ta' madwar 184 sena.*

*Il-lum li b'inkejja ta' xi daqsxejn ta' tfixkil ieħor minn xi mħuħ konservativi u preġudikati l-istudju u l-koltivazzjoni tal-Malti mixjin fuq ir-rotta ta' progress letterarju u edukativ, li qatt qabel ma kellna, il-lum li nistgħu ngħidu l-letteratura Maltija minn-du twaqqfet il-Għaqda fl-1921, jiġifieri tul l-aħħar tletin sena, sebqet lil dik ta' tul mitt sena qabel, ikun għajb jekk minħabba xi motivi politiċi jew amministrativi, jew bruda fost il-kittieba tal-Malti kellna nieqfu mill-ħidma tagħna.*

*Iż-żgħażagħ li telgħin huma żgħażagħ li minn tfulithom mill-iċken klassijiet ta' l-Iskola tal-Gvern trabbew bil-ħalib tal-Lsien Malti; xi wħud minnhom rifsu l-għatba ta' l-Università, oħrajn laħqu f'pożizzjoni li jistgħu jagħmlu bosta ġid lill-Malti, fosthom dawk li saru surmastrijiet ta' l-Iskejjel u qegħdin igħal-lmu l-Malti—il-ħeġġa tagħhom li bihom tixgħel qalbhom hija l-isbaħ tama għall-progress u ġieħ tal-Lsien Malti.*

*Dawn iż-żgħażagħ jekk jagħtu ħarsa lura lejn dawk li fet-ħulhom it-triq minn tletin sena 'l hawn għandhom x'jitgħallmu mhux ftit; jekk mhux ħaġa oħra l-perseveranza fil-fehmiet tagħ-hom għall-progress tal-Malti u l-prinċipju li m'għandhomx jaq-tgħu qalbhom*

*L-ikbar xhieda tal-ħeġġa għall-ħidma tal-koltivazzjoni tal-Malti jagħtuhielna l-kittieba xjuħ li, għalkemm taħt it-toqol tas-snin, qalbhom u moħħhom għadhom marbutin mal-progress tal-Malti, u, jekk in-nar ta' xewqat u ħrariet oħra għoddhom intfew ġewwa fihom, dak tal-Lsien Malti, jekk m'għadux iħeġġeġ bħal dari, għadu jixgħel taħt il-maġmar tal-fuklar ta' l-istudji tagħhom.*

A. Cremona

---

# INFAKKRU

Nixtiequ nfakkru mill-ġdid lil dawk l-imseħbin li għadhom lura fil-ħlas tat-tisħib tagħhom biex jibagħtu jħallsu lit-Teżo-rier għaliex inkella, wisq kontra qalbna, ikollna nwaqqfulhom ir-Rivista.